Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 402/2010 AE

**Francis Tonna**

**vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u ghal kull interess li jista' jkollu Charles sive Carmelo Dimech**

L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016

Permezz ta' rikors prezentat fl-14 ta' Ottubru 2010 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Francis Tonna talabha (i) tichad it- talbiet kollha ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta dedotti kontra tieghu fl-ittra ufficjali bin-Numru 3869/10 datata 20 ta' Settembru 2010; (ii) tiddikjara li Charles sive Carmelo Dimech wahdu huwa responsabbli lejn l-Awtorità ghat- Trasport f'Malta ghall-hlasijiet kollha minnha pretizi in konnessjoni mal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG- 919, li sal-31 ta' Awwissu 2010 komplessivament jammontaw ghal erbat elef disa' mija tmienja u disghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€4,998.41); (iii) tikkundanna lil Charles sive Carmelo Dimech sabiex ihallas lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta is-somma ta' €4,998.41; (iv) tikkundanna lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta sabiex fi zmien qasir u perentorju u mhux prorogabbli, li jigi lilha prefiss mill-Qorti, tawtorizza u taccetta dikjarazzjoni bil-miktub minghandu, skond il-Ligi, illi huwa biegh il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG- 919 lil Charles sive Carmelo Dimech u b'hekk taffettwa u taccetta partial transfer ta' l-istess vettura; (v) tordna lill- Awtorità ghat-Trasport f'Malta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss mill-Qorti, tezercita l-obbligu li ghandha skond il-Ligi u tigbor minn fejn6 tinstab il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Protest Giudizzjarju bin-Numru 4/10 u ta' l-ittra bonarja datata 19 ta' Lulju 2007, kontra l-Awtorità ghat- Trasport f'Malta u Charles sive Carmelo Dimech;

L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ippreżentat Risposta li permezz tagħha opponiet it-talbiet tar-Rikorrent stante li: (i) ir-Rikorrent ghandu jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-Rikors promotur; (ii) Charles sive Carmelo Dimech ma jistax jissejjah f'dawn il-proceduri stante li l-ittra ufficjali bin-Numru 3869/10 giet intavolata kontra r-Rikorrent biss; (iii) f'kull kaz ir-Rikorrent jammetti li huwa kien biegh il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919 lil Charles sive Carmelo Dimech fit-2 ta' Ottubru 2002; (iv) ai termini ta' l-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa sid il-vettura li jrid jaghti avviz tat-

trasferiment tal- vettura u mhux jhalli f'idejn haddiehor biex jaghti tali avviz hekk mehtieg skond il-Ligi. Ladarba r-Rikorrenti naqas milli jikkonfomra ruhu ma' dak dispost fl-Artikolu 26 tal- Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa ghadu responsabbli ghall-hlasijiet minnha pretizi u dovuti; (v) ghalkemm ir-Rikorrent jikkontendi li huwa ghamel dak kollu possibbli, inkluz li jigu istitwiti proceduri kriminali fil-konfront ta' Charles sive Carmelo Dimech, biex dan jirregistra t-trasferiment tal-vettura, li kieku l-istess rikorrent ottempera ruhu ma' dak dispost fl-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta fiz-zmien tat-trasferiment tal-vettura, illum ma jinsabx fil-posizzjoni li jrid jiddefendi lilu nnifsu mill-pretensjonijiet ta' l-Awtorità; (vi) l-Awtorità ma ghandha ebda taghrif dwar it-trasferiment tal-vettura u l-licenzja qatt ma gietipprezentata lilha sabiex fuqha jitnizzlu l-partikolaritajiet sostanzjali tat-trasferiment jew tal-bejgh u ghalhekk skond il-Ligi ghadu responsabbli r-rikorrent ghall-hlas mitlub fl-ittra ufficjali kontestata. Il-fatt li r-rikorrent seta ha passi kriminali fil-konfront ta' Charles sive Carmelo Dimech ma jbiddel assolutament xejn mis-sitwazzjoni u ma jnaqqas xejn mir-responsabilità tas-sid ai termini tal-Ligi. Se mai r-rikorrent kien fid-dover li jivverifika ma' l-Awtorità jekk it-trasferiment giex registrat u kemm-il darba jirrizultalu li ma giex hekk registrat messhu istitwixxa l-proceduri opportuni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex ikun jista' jigi registrat tali trasferiment; (vii) ir-raba' talba tar-Rikorrent, ossia dik indikata fil-paragrafu (d) tar-Rikors promotur, ma hijiex proponibbli f'dawn il-proceduri, kif lanqas huma gustifikabbli t-talbiet l-ohra tieghu; (viii) ladarba r-Rikorrent ma ottemperax ruhu mal-Ligi u ma tax lill-Awtorità avviz tat-trasferiment, huwa obbligat li jhallas dak dovut ai termini tal-Ligi.

**<u>Sentenza tal-1 ta' Lulju 2013</u>**.

Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent wara li kkunsidrat li:

(1) talba (a) hija nsostenibbli billi skont il-liġi r-rikorrent xorta waħda baqa' responsabbli għall-ħlasijiet konnessi mal-vettura in kwistjoni ġaladarba ma ħax ħsieb jagħmel it-*transfer* kif rikjest mil-liġi.

(2) mhux minnu li l-Awtorita` intimata m'għamilitx dak kollu meħtieġ biex tiġi elevata l-vettura in kwistjoni

(3) il-proċeduri istitwiti mir-rikorrent kienu a tenur tal-Artikolu 57(3),(4) u (5) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta. *"Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta car li: (i) il-proceduri odjerni jistghu jigu istitwiti biss fil-konfront ta' l-Awtorità intimata u kontra l-ebda parti ohra. B'hekk Charles sive Carmelo Dimech fil-verità lanqas seta' jitharrek f'dawn il-proceduri u fi kwalunkwe kaz it-talba biex jigi kkundannat ihallas l-ammonti pretizi mill-Awtorità intimata ma tistax tigi milqugha. Naturalment dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe dritt ta' rivalsa li r-Rikorrent jista' jkollu kontra Charles sive Carmelo Dimech ghall-hlasijiet li huwa jigi kostrett jaghmel in konnessjoni mal-vettura bin-Numru ta'*

*Registrazzjoni IBG-919 minnu mibjugha lill-istess Charles sive Carmelo Dimech; u li (ii) l-unika talba li jista' jkun hemm f'dawn il-proceduri hi dik biex il-pretensjonijiet ta' l-Awtorità intimata kif dedotti fil-konfront ta' l-intimat (rikorrent f'dawn il- proceduri) fl-ittra ufficjali kontestata jigu dikjarati infondati fil-fatt u fid-dritt u b'hekk it-talba ghall-hlas minnha avvanzata bl-ittra ufficjali tigi michuda. Kwalunkwe talba ohra tesorbita kompletament il-kompetenza ta' din il-Qorti fil-kuntest ta' dawn il-proceduri. Kemm-il darba r-Rikorrent jrid jottjeni r-registrazzjoni tat-trasferiment tal-vettura permezz ta' decizjoni giudizzjarja huwa jkollu jistitwixxi proceduri gudizzjarji ad hoc izda certament ma jistax jusufruwixxi minn dawn il-proceduri ghal tali skop"*.

**Appell**.

Francis Tonna appella minn din is-sentenza, u talab riforma tagħha billi:-

(a) tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel talba tiegħu;

(b) tiddikjara lil Charles Dimech leġittimu kontradittur;

(ċ) tikkundanna lill-istess Charles Dimech biex iħallas is-somma minnha pretiża, okkorrendo *in solidum* mal-appellant;

(d) tordna lill-Awtorita' tiġbor il-vettura;

L-aggravju tal-appellant hu bbażat fuq dawn il-motivi:

(1) huwa jista' jinstab responsabbli biss sal-31 ta' Diċembru 2008 għax wara dik id-data l-Awtorita` ġiet vestita bis-setgħa li tiġbor il-karozza;

(2) Artiklu 57(3) Kap 65 ma jgħidx li l-proċeduri għandhom jinbdew kontra l-Awtorita` waħedha jew li qed jidderoga mid-disposizzjonijiet tal-Kap 12 dwar kjamat fil-kawża. La l-intimat l-ieħor seta jiġi kkjamat fil-kawża, seta wkoll jiġi mħarrek bħala intimat. Di piu' l-preżenza tal-intimat li-ieħor hija vantaġġjuża għall-ekonomija tal-ġudizzju u għall-istess soċjeta` intimata billi jista' jiġi kkundannat iħallasha d-debitu;

**Twegiba tal-appellata**.

L-Awtorita` appellata wieġbet li:

(1) mhix awtorizzata tiġbor il-karozza billi minn imkien ma jirrizulta li qiegħdha f'żona ta' rmonk, jew li m'għandhiex liċenzja mwaħħla fuq il-windscreen. Lanqas jirriżulta li l-vettura hija fit-triq.

(2) ir-rikorrent seta biss jopponi għall-ħlas u xejn iżjed. Għalhekk ma setax jitlob is-sejħa ta' terzi persuni fil-proċeduri. Din hi liġi speċjali li tidderoga għal-

liġi ġenerali.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. L-appellant ammetta li hu responsabbli ghall-hlas dovut sal-31 ta' Dicembru 2008 (ara paragrafu 4 tar-rikors tal-appell).

2. Dwar l-ewwel aggravju, l-appellant argumenta li l-Awtorita *"...m'ghamlet xejn minn meta bdiet issehh il-ligi sal-gurnata tal-lum biex televa l-vettura de quo, nonostante l-interpellazzjonijiet li kellha"*. L-appellant ghamel ghamel riferenza ghall-Avviz Legali 197 tal-2009 li emenda l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13 (*Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations*). B'dak l-Avviz Legali, l-Awtorita appellata nghatat ukoll l-awtorita':

   *"may also clamp, take possession of, remove and store motor vehicles which are on the road in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act and any regulations made thereunder".*

   Mill-atti ma rrizultax li l-appellant ta taghrif lill-Awtorita fejn tinsab din il-vettura. L-appellant kellu d-dmir li meta biegħ il-vettura lil Dimech, isegwi l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 26 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65). Minhabba n-nuqqas tieghu ma jistax jitfa' r-responsabbilta' fuq l-Awtorita'. L-appellant m'ghandu l-ebda dritt li jippretendi, kif jidher li qieghed jaghmel, li uffiċjali tal-Awtorita joqghodu jduru madwar Malta fors jilmhu l-vettura IBG-919.

3. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-procedura li ppropona l-appellant hi dik kontemplata fl-Artikolu 57 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap 65), wara li gie notifikat b'ittra ufficjali[1]. Skond l-Artikolu 26 tal-istess ligi:

   *"Kull persuna imsemmija fuq il-liċenza bħala s-sid jew bħala wieħed mis-sidien, li tkun biegħet jew xort'oħra ttrasferiet il-jedd tagħha fuq il-vettura li għaliha tkun tirriferixxi l-liċenza, għandha tagħti avviż lill-Awtorità ta' dak il-bejgħ jew trasferiment, u għandha fl-istess ħin tippreżenta l-liċenza sabiex jitniżżlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgħ jew tat-trasferiment;* ***u jekk dak l-avviż ma jiġix mogħti u l-liċenza ma tiġix ippreżentata, dik il-persuna, għad li jkun sar dak il-bejgħ jew trasferiment, tibqa' suġġetta għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bħala sid jew wieħed mis-sidien tal-vettura****"* (enfazi tal-qorti).

---

[1] Fir-rikors promotur l-appellant qal li l-ittra ufficjali kienet prezentata fl-20 ta' Settembru 2010 (numru 3869/2010).

Jirriżulta li l-appellant ma segwiex il-procedura kontemplata fl-Artikolu 26 tal-Kap. 65. Għalhekk skond il-ligi, baqa' reponsabbli fil-konfront tal-Awtorita' appellata.

Fir-rigward tat-talbiet biex:-

i. Jiġi ddikjarat li Charles sive Carmelo Dimech hu l-leġittimu kontradittur;
ii. Charles sive Carmelo Dimech jiġi kkundannat ihallas is-somma ta' €4,998.41;
iii. Il-qorti tiffissa terminu biex l-Awtorita appellata tiġbor il-vettura IBG 919;

Il-qorti hi tal-fehma li dawn m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-proċedura kontemplata fl-Artikolu 57 tal-Kap. 65, li jagħti l-opportunita' li wieħed jikkontesta l-ittra uffiċjali li jkun ġie notifikat biha. Ir-relazzjoni tal-Awtorita, bis-sahha tal-Artikolu 26 tal-Kap. 65, hi mal-appellant. Fatt li l-appellant stess jirrikonoxxi tant li ddikjara li: *"…. jammetti u jaccetta r-responsabbilta' tieghu biss sal-31 ta' Dicembru 2008"*[2]. L-unika ħaġa li l-appellant seta' jagħmel f'din il-proċedura kien li jopponi ghall-avviż. Fil-fatt subinciż (5) jipprovdi li fir-rikors għandu: *"jagħti r-raġunijiet tal-oġġezzjoni għall-avviż u għandu jkun fih it-talbiet speċifiċi tar-rikorrent dwar l-avviż….".* Kwistjonijiet oħra m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-proċedura kontemplata fl-Artikolu 57. Għalhekk ir-rikorrent ma jistax jikkonverti l-proċedura f'kawża normali billi jħarrek lil persuna oħra li jippretendi, bħalma qiegħed jagħmel l-appellant fit-tielet motiv tal-aggravju, li għandha tiġi kkundannata *in solidum* miegħu u jaghmel talbiet li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-proċedura kontemplata fl-Artikolu 57. Minn dan l-aspett huwa biss ir-rikorrent li għandu relazzjoni ġuridika mal-Awtorita`. Kif tajjeb irrimarkat t-Tribunal, wisq inqas jista' r-rikorrent juża' din il-proċedura biex jitlob li jsir it-*transfer* relattiv. Ir-rimedju li jista' talvolta għandu l-appellant huwa li jipproponi proceduri *ad hoc* kontra Charles Dimech, pass li messu ilu li ħa.

**Ghal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant Tonna**.

Anthony Ellul.

---

[2] Paragrafu 4 tar-rikors tal-appell.